32007R0332

L 88/16 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.3.2007

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 332/2007

## tas-27 ta' Marzu 2007

## dwar l-arranġamenti tekniċi għat-trażmissjoni ta' l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Huwa meħtieġ li jkun speċifikat il-format li fih id-*data* tat-trasport għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) f'biżżejjed dettall biex ikun żgurat li d-*data* tista' tiġi pproċessata malajr u b'mod effettiv biex jitnaqqsu l-ispejjeż.

(2) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku, mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) se jkun kif stipulat fl-Anness.

L-Istati Membri għandhom jużaw dan il-format għad-*data* li tikkonċerna s-sena ta' referenza 2007 u s-snin sussegwenti.

*Artikolu 2*

Id-*data* u l-*metadata* mogħtija skond ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 għandhom jiġu trażmessi fil-format elettroniku għall-punt ta' aċċess uniku għad-*data* fil-Kummissjoni (Eurostat) minn kwalunkwe organizzazzjoni maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali. It-trażmissjoni għandha tkun konformi ma' standard xieraq ta' inter-kambju speċifikat mill-Eurostat.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1192/2003 (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 13).
([2]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

*ANNESS*

# IL-FORMAT TEKNIKU GĦAT-TRAŻMISSJONI TAD-*DATA*

## 1. STRUTTURA TAD-DATA

Ir-rekords tad-*data* individwali li għandhom jintbagħtu lill-Eurostat kull kwart ta' sena, sena jew perjodu ta' ħames snin, huma magħmula minn 9 ġabriet ta' *data*, kull wieħed jikkorrispondi ma' anness tar-Regolament (KE) Nru 91/2003. Dawn il-ġabriet ta' *data* fihom id-*data* li ġejja:

— statistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija — rapport fid-dettall (Anness A);

— statistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija — rapport issemplifikat (Anness B);

— statistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri — rapport fid-dettall (Anness C);

— statistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri — rapport issemplifikat (Anness D);

— statistika ta' kull kwart tas-sena dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri (Anness E);

— statistika reġjonali ta' kull ħames snin dwar it-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri (Anness F);

— statistika ta' kull ħames snin dwar il-flussi tat-traffiku fuq in-netwerk tal-ferroviji (Anness G);

— statistika dwar l-inċidenti (Anness H);

— lista ta' impriżi tal-ferrovija li għalihom hija pprovduta l-istatistika (Anness I).

L-Annessi B u D jistipulaw rekwiżiti simplifikati ta' rappurtaġġ li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri bħala alternattiva għar-rappurtaġġ normali dettaljat stipulat fl-Annessi A u C, għal impriżi taħt il-livell stipulati fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 91/2003.

## 2. LISTA TA' OQSMA

Skond ir-Regolament (KE) Nru 91/2003, għandha tiġi pprovduta ġabra waħda ta' *data* għal kull anness fil-forma ta' *flat fajl* li juża punt u virgola ";" biex jifred l-oqsma. Kull ġabra ta' *data*, għajr il-ġabra ta' *data* C, għandu jkollha d-*data* għat-tabelli obbligatorji kollha meħtieġa mill-anness. Għal kull ġabra ta' *data*, għandu jiġi ffissat l-għadd ta' oqsma f'kull rekord. Fi kliem ieħor, l-oqsma kollha għandhom ikunu preżenti anke jekk ikunu vojta (żewġ separaturi ta' l-oqsma wara xulxin jindikaw qasam vojt).

L-oqsma individwali huma deskritti hawn taħt kif ġej:

— "In-numru tal-qasam": dan jidentifika l-pożizzjoni tal-qasam fir-rekord;

— "Isem il-qasam": dan jirreferi jew għal varjabbli fir-Regolament (KE) Nru 91/2003, jew għal mezz ta' identifikazzjoni interna użat biex jidentifika r-rekord;

— "Deskrizzjoni": deskrizzjoni qasira tal-kontenut tal-qasam;

— "Kodifikar": fit-tabelli A2 u A4 ċerti oqsma għandhom jiġu kkodifikati skond l-Annessi J sa K tar-Regolament (KE) Nru 91/2003. Ir-Regoli tal-kodiċi addizzjonali huma mniżżla hawn. Aktar spjegazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-kodifikar jistgħu jingħataw mill-Eurostat fil-Linji ta' Gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 91/2003;

— "It-tip tal-qasam": jindika jekk qasam fihx kwantità numerika jew sekwenza ta' test; il-kwantitajiet numeriċi kollha għandhom jingħataw bħala numri sħaħ;

— "Tul massimu": it-tul massimu mistenni tad-*data* għal qasam partikolari. Data li hija twila żżejjed u ma tistax tittella';

— "Il-bandiera ta' kunfidenzjalità" (FlagC) tindika jekk ir-rekord jitqiesx bħala kunfidenzjali mill-Istat Membru (ir-Regolamenti tal-Kunsill Nru 322/97 ([1]), l-Artikolu 13(1) u Nru 1588/90 ([2]), l-Artikolu 2);

— "Il-bandiera ta' awtorizzazzjoni għat-tixrid" tad-*data* kunfidenzjali (FlagD) tindika jekk id-*data* kunfidenzjali mogħtija mill-Istati Membri tistax tixxerred (ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 l-Artikolu 13 (2) u (KE) Nru 1588/90, l-Artikolu 5 (4)). Għalhekk, il-Kummissjoni għandha l-permess legali li tbiddel il-verdett ta' l-Istat Membru f'każijiet definiti. Dan isir permezz tal-bdil ta' FlagD = 1 għal FlagD = 0 meta FlagC = 1.

**Ġabra ta' data għall-Anness A: Statistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija — rapport fid-dettall**

| Qasam numru | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul mas-simu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | Nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | A1 sa A9 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | Period | Perjodu ta' referenza | A0 | Test | 2 | |
| 5 | TransID | Tip ta' trasport | 0: trasport totali<br>1: trasport nazzjonali<br>2: trasport internazzjonali — total<br>3: trasport internazzjonali — ħiereġ<br>4: trasport internazzjonali — dieħel<br>5: trasport ta' tranżitu | Test | 1 | |
| 6 | Goods | Tip ta' merkanzija | l-anness J tar-Regolament | Test | 2 | |
| 7 | DGoods | Tip ta' merkanzija perikoluża | l-anness K tar-Regolament | Test | 3 | |
| 8 | LDG | Pajjiż tat-tagħbija | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | XX |
| 9 | UNL | Pajjiż tal-ħatt | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | XX |
| 10 | Consgmt | Tip ta' kunsinna | 1: ferroviji mimlija<br>2: vaguni mimlija<br>3: oħrajn<br>9: mhux magħrufa | Test | 1 | |
| 11 | TTU | Tip ta' unità tat-trasport | 1: kontenituri u kaxex tal-ġarr<br>2: semi-karrijiet (mhux akkumpanjati)<br>3: vetturi tat-triq (akkumpanjati)<br>9: mhux magħrufa | Test | 1 | |

([1]) ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.
([2]) ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1.

| Qasam numru | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul mas-simu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Tonnes | Total tal-merkanzija tras-portata | Tunnellati | Numeriku | 10 | |
| 13 | Tkm | Total tal-merkanzija tras-portata f'1 000 tunnellata ta' kilometri | 1 000 Tunnellata ta' km | Numeriku | 10 | |
| 14 | NbrITU | Numru ta' l-unità inter-modali tat-trasport | Numru ta' UIT | Numeriku | 8 | |
| 15 | TeuITU | Unità ta' trasport inter-modali trasportati f' TEU | TEU | Numeriku | 8 | |
| 16 | TrainKM | Moviment tal-ferroviji tal-merkanzija f'1 000 km | 1 000 ta' km ferrovjarji | Numeriku | 8 | |
| 17 | FlagC | Bandiera ta' kunfidenzja-lità | 1: kunfidenzjali<br>0: mhux kunfidenzjali | Test | 1 | |
| 18 | FlagD | Bandiera ta' awtorizzaz-zjoni għat-tixrid | 1: tixrid mhux awtorizzat<br>0: tixrid awtorizzat | Test | 1 | |

Fil-flat fajl li fih id-*data* għall-Anness A, kull rekord fih 18-il qasam. It-tabella li ġejja turi bil-griż l-oqsma li għandhom jiġu pprovduti għat-tabelli differenti ta' Anness A. Il-kaxxi l-bojod jikkorrispondu għall-oqsma vojta fir-rekord. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

| | | DsetID | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qasam numru | Isem il-qasam | A1 | A2 | A3 | A4 | A5 (1) | A6 | A7 | A8 | A9 |
| 1 | RCount | * | * | * | * | * | * | * | * | * |
| 2 | DsetID | * | * | * | * | * | * | * | * | * |
| 3 | Year | * | * | * | * | * | * | * | * | * |
| 4 | Period | * | * | * | * | * | * | * | * | * |
| 5 | TransID | * | | * | | | * | * | * | |
| 6 | Goods | | * | | | | | | | |
| 7 | DGoods | | | | * | | | | | |
| 8 | LDG | | | * | | | | | | |
| 9 | UNL | | | * | | | | | | |
| 10 | Consgmt | | | | | * | | | | |
| 11 | TTU | | | | | | | | | |
| 12 | Tonnes | | | | | | | | | |
| 13 | Tkm | | | | | | | | | |
| 14 | NbrITU | | | | | | | | | |
| 15 | TeuITU | | | | | | | | | |
| 16 | TrainKM | | | | | | | | | |
| 17 | FlagC | | | | | | | | | |
| 18 | FlagD | | | | | | | | | |

(1) It-tabell A5 hija tabella fakultattiva.

**Ġabra ta' data għall-Anness B: Statistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija — rapport issemplifikat**

| Qasam numru | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul mas-simu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | B1 sa B2 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | Period | Perjodu ta' referenza | A0 | Test | 2 | |
| 5 | TransID | Tip ta' trasport | 0: trasport — total<br>1: trasport nazzjonali<br>2: trasport internazzjonali — total<br>3: trasport internazzjonali — ħiereġ<br>4: trasport internazzjonali — dieħel<br>5: trasport ta' tranżitu | Test | 1 | |
| 6 | Tonnes | Total tal-merkanzija trasportata | Tunnellati | Numeriku | 10 | |
| 7 | Tkm | Total tal-merkanzija trasportata f'1 000 tunnellata ta' kilometri | 1 000 Tunnellata ta' km | Numeriku | 10 | |
| 8 | TrainKm | Moviment tal-ferroviji tal-merkanzija f'1 000 km ferrovjarji | 1 000 ta' km ferrovjarji | Numeriku | 8 | |
| 9 | FlagC | Bandiera ta' kunfidenzjalità | 1: kunfidenzjali<br>0: mhux kunfidenzjali | Test | 1 | |
| 10 | FlagD | Bandiera ta' awtorizzazzjoni għat-tixrid | 1: tixrid mhux awtorizzat<br>0: tixrid awtorizzat | Test | 1 | |

Fil-*flat fajl* li fih id-*data* għall-Anness B, kull rekord fih 10 oqsma. It-tabella li ġejja turi bil-griż l-oqsma li għandhom jiġu pprovduti għal kull waħda miż-żewġ tabelli ta' l-Anness B. Il-kaxxi l-bojod jikkorrispondu għall-oqsma vojta fir-rekord. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

| | | DsetID | |
|---|---|---|---|
| In-numru tal-qasam | Isem il-qasam | B1 | B2 |
| 1 | RCount | * | * |
| 2 | DsetID | * | * |
| 3 | Year | * | * |
| 4 | Period | * | * |
| 5 | TransID | * | |
| 6 | Tonnes | | |
| 7 | Tkm | | |
| 8 | TrainKM | | |
| 9 | FlagC | | |
| 10 | FlagD | | |

**Ġabra tad-data għall-Anness C: Statistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri — rapport fid-dettall**

| Qasam numru | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul massimu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | C1 sa C5 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | Period | Perjodu ta' referenza | A0 | Test | 2 | |
| 5 | TransID | Tip ta' trasport | 1: trasport nazzjonali<br>2: trasport internazzjonali — total<br>3: trasport internazzjonali — ħiereġ<br>4: trasport internazzjonali — dieħel | Test | 1 | |
| 6 | LDG | Pajjiż ta' l-imbark | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | XX |
| 7 | UNL | Pajjiż ta' l-iżbark | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | XX |
| 8 | Pass | Total tal-passiġġieri trasportati | Passiġġieri | Numeriku | 10 | |
| 9 | Passkm | Total tal-passiġġieri trasportati f'unità ta' 1 000 — kilometru | 1 000 pkm | Numeriku | 10 | |
| 10 | TrainKm | Moviment tal-ferroviji tal-passiġġieri f'1 000 km ferrovjarju | 1 000 ta' km ferrovjarji | Numeriku | 8 | |
| 11 | FlagC | Bandiera ta' kunfidenzjalità | 1: kunfidenzjali<br>0: mhux kunfidenzjali | Test | 1 | |
| 12 | FlagD | Bandiera ta' awtorizzazzjoni għat-tixrid | 1: tixrid mhux awtorizzat<br>0: tixrid awtorizzat | Test | 1 | |

Fil-*flat file* li fih id-*data* għall-Anness C, kull rekord fih 12-il qasam. It-tabella li ġejja turi bil-griż l-oqsma li għandhom jiġu pprovduti għat-tabelli differenti ta' Anness C. Il-kaxxi l-bojod jikkorrispondu għall-oqsma vojta fir-rekord. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

*Data* proviżorja (tabelli C1 u C2) u finali kkonsolidata (tabelli C3 u C4) bl-istess struttura għandha tintbagħat f' ħinijiet differenti.

| | | DsetID | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qasam Numru | Isem il-qasam | C1 [1] | C2 [1] | C3 [2] | C4 [2] | C5 |
| 1 | RCount | * | * | * | * | * |
| 2 | DsetID | * | * | * | * | * |
| 3 | Year | * | * | * | * | * |
| 4 | Period | * | * | * | * | * |

| | | DsetID | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Qasam Numru | Isem il-qasam | C1 (1) | C2 (1) | C3 (2) | C4 (2) | C5 |
| 5 | TransID | * 1 & 2 | * 3 & 4 | * 1 & 2 | * 3 & 4 | |
| 6 | LDG | | * | | * | |
| 7 | UNL | | * | | * | |
| 8 | Pass | | | | | |
| 9 | Passkm | | | | | |
| 10 | TrainKM | | | | | |
| 11 | FlagC | | | | | |
| 12 | FlagD | | | | | |

(1) *Data* proviżorja.
(2) *Data* finali kkonsolidata.

**Ġabra tad-data għall-Anness D: Statistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri — rapport issemplifikat**

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul mas-simu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | D1 sa D2 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | Period | Perjodu ta' referenza | A0 | Test | 2 | |
| 5 | Pass | Total tal-passiġġieri tras-portati | Passiġġieri | Numeriku | 10 | |
| 6 | Passkm | Total tal-passiġġieri f'unità ta' 1 000 kilometru | 1 000 pkm | Numeriku | 10 | |
| 7 | TrainKm | Moviment tal-ferroviji tal-passiġġieri f'1 000 km ferrovjarji | 1 000 ta' km ferrovjarji | Numeriku | 8 | |
| 8 | FlagC | Bandiera ta' kunfidenz-jalità | 1: kunfidenzjali<br>0: mhux kunfidenzjali | Test | 1 | |
| 9 | FlagD | Bandiera ta' awtorizzaz-zjoni għat-tixrid | 1: tixrid mhux awtorizzat<br>0: tixrid awtorizzat | Test | 1 | |

Fil-*flat file* li fih id-*data* għall-Anness D, kull rekord fih 9 oqsma. It-tabella li ġejja turi bil-griż l-oqsma li għandhom jiġu pprovduti għal kull waħda miż-żewġ tabelli ta' l-Anness D. Il-kaxxxi l-bojod jikkorrispondu għall-oqsma vojta fir-rekord. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

| | | DsetID | |
|---|---|---|---|
| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | D1 | D2 |
| 1 | RCount | * | * |
| 2 | DsetID | * | * |
| 3 | Year | * | * |

| | | DsetID | |
|---|---|---|---|
| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | D1 | D2 |
| 4 | Period | * | * |
| 5 | Pass | | |
| 6 | Passkm | | |
| 7 | TrainKM | | |
| 8 | FlagC | | |
| 9 | FlagD | | |

**Ġabra tad-data għall-Anness E: Statistika ta' kull tliet xhur dwar it-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri**

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul massimu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | E1 sa E2 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | Period | Perjodu ta' referenza | Q1 sa Q4 | Test | 2 | |
| 5 | Tonnes | Trasport totali tal-merkanzija | Tunnellati | Numeriku | 10 | |
| 6 | Tkm | Total tal-merkanzija trasportata f'1 000 tunnellata ta' kilometri | 1 000 tunnellata ta' km | Numeriku | 10 | |
| 7 | Pass | Total tal-passiġġieri trasportati | Passiġġieri | Numeriku | 10 | |
| 8 | Passkm | Total tal-passiġġieri trasportati f'unità ta' 1 000 — kilometru | 1 000 pkm | Numeriku | 10 | |
| 9 | FlagC | Bandiera ta' kunfidenzjalità | 1: kunfidenzjali<br>0: mhux kunfidenzjali | Test | 1 | |
| 10 | FlagD | Bandiera ta' awtorizzazzjoni għat-tixrid | 1: tixrid mhux awtorizzat<br>0: tixrid awtorizzat | Test | 1 | |

Fil-*flat fajl* li fih id-*data* għall-Anness E, kull rekord fih 10 oqsma. It-tabella li ġejja turi bil-griż l-oqsma li għandhom jiġu pprovduti għal kull waħda miż-żewġ tabelli ta' l-Anness E. Il-kaxxi l-bojod jikkorrispondu għall-oqsma vojta fir-rekord. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

| | | DsetID | |
|---|---|---|---|
| In-numru tal-qasam | Isem il-qasam | E1 | E2 |
| 1 | RCount | * | * |
| 2 | DsetID | * | * |
| 3 | Year | * | * |
| 4 | Period | * | * |
| 5 | Tonnes | | |

| | | DsetID | |
|---|---|---|---|
| In-numru tal-qasam | Isem il-qasam | E1 | E2 |
| 6 | Tkm | | |
| 7 | Pass | | |
| 8 | Passkm | | |
| 9 | FlagC | | |
| 10 | FlagD | | |

**Ġabra ta' data għall-Anness H: Statistika dwar inċidenti**

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul mas-simu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | H1 sa H4 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | Period | Perjodu ta' referenza | A0 | Test | 2 | |
| 5 | AccID | Tip ta' inċident | 1: Ħbit<br>2: Qbiż ta' linji<br>3: Inċidenti li jinvolvu l-qsim tal-mogħdijiet ferrovjarji<br>4: Inċidenti kkawżati lil persuni minħabba moviment ta' tagħmir<br>5: Inċendji f'vetturi tal-ferrovija<br>6: Oħrajn<br>7: Total<br>9: Mhux magħruf | Test | 1 | |
| 6 | PersID | Kategorija tal-persuna | 1: Passiġġieri<br>2: Impjegati<br>3: Oħrajn<br>4: Total<br>[5: utenti tal-mogħdijiet ferro-vjarji]<br>[6: Persuni mhux awtorizzati fuq il-mogħdijiet ferrovjarji]<br>9: Mhux magħruf | Test | 1 | |
| 7 | NbAccSign | Numru ta' inċidenti sinifikanti | Numru | Numeriku | 8 | |
| 8 | NbAccInj | Numru ta' inċidenti ta' korriment seju | Numru | Numeriku | 8 | |
| 9 | NbAccDGIn | Numru ta' inċidenti li jinvolvu t-trasport ta' merkanzija perikoluża | Numru | Numeriku | 8 | |
| 10 | NbAccDGRe | Numri ta' inċidenti li fihom tixxerred mer-kanzija perikoluża fl-ambjent | Numru | Numeriku | 8 | |
| 11 | NbPersK | Numru ta' persuni maqtula | Numru | Numeriku | 8 | |
| 12 | NbPersI | Numru ta' persuni midruba gravi | Numru | Numeriku | 8 | |

Fil-*flat fajl* li fih id-*data* għall-Anness H, kull rekord fih 12-il qasam. It-tabella li ġejja turi bil-griż l-oqsma li għandhom jiġu pprovduti għal kull tabella ta' Anness H. Il-kaxxi l-bojod jikkorrispondu għall-oqsma vojta fir-rekord. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

It-tabella fiha żewġ kategoriji oħra ta' persuni li jistgħu jkunu meħtieġa fil-ġejjieni: "5: Utenti ta' mogħdijiet ferrovjarji" u "6: Persuni mhux awtorizzati fuq il-mogħdijiet ferrovjarji".

| | | DsetID | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | H1 | H2 | H3 | H4 |
| 1 | RCount | * | * | * | * |
| 2 | DsetID | * | * | * | * |
| 3 | Year | * | * | * | * |
| 4 | Period | * | * | * | * |
| 5 | AccID | * | | * | * |
| 6 | PersID | | | * | * |
| 7 | NbAccSign | | | | |
| 8 | NbAccInj ([1]) | | | | |
| 9 | NbAccDGIn | | | | |
| 10 | NbAccDGRe | | | | |
| 11 | NbPersK | | | | |
| 12 | NbPersI | | | | |

([1]) In-numru ta' inċidenti ta' korriment gravi (NbAccInj) huwa varjabbli fakoltattiv fit-tabella H1.

**Ġabra ta' data għall-Anness I:**

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul massimu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | RCount | Pajjiż rapportatur | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | |
| 2 | DsetID | Identifikatur tal-ġabra tad-*data* | I1 | Test | 2 | |
| 3 | Year | Sena tal-ġabra tad-*data* | 4 ċifri | Test | 4 | |
| 4 | UCode | Il-kodiċi ta' l-impriża (kostanti matul is-snin) | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit + numru bi 3 ċifri | Test | 5 | XX |
| 5 | UName | Isem l-impriża | | Test | 100 | |
| 6 | CountID | Pajjiż li fih hija bbażata l-impriża | in-nomenklatura ISO-3166-alpha2 għajr "UK" għar-Renju Unit | Test | 2 | XX |
| 7 | IntFret | Attività tat-trasport tal-merkanzija: internazzjonali | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | Deskrizzjoni | Kodiċi | It-tip tal-qasam | It-tul mas-simu | Kodiċi speċifiċi għal valuri nieqsa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Natfret | Attività tat-trasport tal-merkanzija: nazzjonali | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 9 | Intpass | attività tat-trasport tal-passiġġieri: internazzjonali | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 10 | Natpass | attività tat-trasport tal-passiġġieri: nazzjonali | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 11 | DsetA | *Data* inkluża fl-Anness A | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 12 | DsetB | *Data* inkluża fl-Anness B | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 13 | DsetC | *Data* inkluża fl-Anness C | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 14 | DsetD | *Data* inkluża fl-Anness D | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 15 | DsetE | *Data* inkluża fl-Anness E | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 16 | DsetF | *Data* inkluża fl-Anness F | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 17 | DsetG | *Data* inkluża fl-Anness G | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 18 | DsetH | *Data* inkluża fl-Anness H | 1: IVA<br>0: LE | Test | 1 | |
| 19 | Tons | Total tal-trasport tal-merkanzija (f'tunnellati) | Tunnellati | Numeriku | 10 | |
| 20 | Tkm | Total tal-trasport tal-merkanzija (f' 1 000 tunnellata ta' km) | 1 000 Tunnellata ta' kilometri | Numeriku | 10 | |
| 21 | Pass | Total tal-passiġġieri trasportati (numru ta' passiġġieri) | Numru tal-passiġġieri | Numeriku | 10 | |
| 22 | Passkm | Total tal-passiġġieri trasportati (f' 1 000 passiġġier — kilometru | 1 000 kilometru ta' passiġġieri | Numeriku | 10 | |

Fil-*flat file* li fih id-*data* għall-Anness I, kull rekord fih 22 qasam. It-tabella li ġejja turi l-oqsma kollha bil-ġriż billi hemm tabella waħda biss fl-Anness I. L-oqsma fakultattivi jistgħu jitħallew vojta. L-istilla * tindika qasam ewlieni. It-tgħaqqid flimkien tal-valuri ta' l-oqsma ewlenin għal rekord irid jifforma valur ewlieni uniku fil-fajl. Jekk jinstabu valuri ewlenin dupplikati, il-fajl ma jittellax kif suppost.

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | DsetID I1 |
|---|---|---|
| 1 | RCount | * |
| 2 | DsetID | * |
| 3 | Year | * |

| Numru tal-qasam | Isem il-qasam | DsetID I1 |
|---|---|---|
| 4 | UCode | * |
| 5 | UName (1) | |
| 6 | CountID | |
| 7 | IntFret | |
| 8 | Natfret | |
| 9 | Intpass | |
| 10 | Natpass | |
| 11 | DsetA | |
| 12 | DsetB | |
| 13 | DsetC | |
| 14 | DsetD | |
| 15 | DsetE | |
| 16 | DsetF | |
| 17 | DsetG | |
| 18 | DsetH | |
| 19 | Tons (2) | |
| 20 | Tkm (3) | |
| 21 | Pass (4) | |
| 22 | Passkm (5) | |

(1) Isem l-impriża (UName) huwa varjabbli fakoltattiv.
(2) It-total tat-trasport tal-merkanzija (f'tunnellati) huwa varjabbli fakoltattiv.
(3) It-total tat-trasport tal-merkanzija (f' 1 000 tunnellata ta' km) huwa varjabbli fakoltattiv.
(4) It-total tat-trasport tal-passiġġieri (f'passiġġieri) (Pass) huwa varjabbli fakoltattiv.
(5) It-total tat-trasport tal-passiġġieri (f' 1 000 km ta' passiġġieri) (Passkm) huwa varjabbli fakoltattiv.

3. VALURI NEQSIN

Għal ċerti oqsma, il-Eurostat tista' tirrakkomanda l-użu ta' kodiċi speċifiċi għall-valuri neqsin jew valuri speċjali oħrajn (ara l-kolonna "kodiċi speċifiċi għal valuri neqsin").

Aktar tagħrif jista' jinkiseb fil-Linji ta' Gwida għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 91/2003.

4. FORMATI STANDARD ALTERNATTIVI

L-Istati Membri jistgħu jużaw formati standard oħra li jappoġġjaw l-istrutturi ta' data msemmija hawn fuq fejn dawn huma proposti mill-Eurostat.

5. IL-VALIDAZZJONI TAD-DATA MILL-EUROSTAT

L-Eurostat għandha tapplika xi spezzjonijiet tal-validità dwar id-data trażmessa mill-Istati Membri, qabel mad-*data* titalla' fid-database tal-produzzjoni. Meta jkun hemm numru sinifikanti ta' reġistrazzjonijiet li ma jgħaddux minn dawn l-ispezzjonijiet, l-Eurostat għandha tinnotifika lill-Istat Membru tar-rekords bl-iżbalji u tindika r-raġunijiet għalfejn ma aċċettathomx. L-Istat Membru għandu jintalab li jikkoreġi l-iżbalji nnotati u mbagħad li jerġa' jissottometti l-ġabra kompleta ta' *data* (mhux biss ir-rekords li kien fihom l-iżbalji). Din il-proċedura hija meħtieġa sabiex tiggarantixxi l-korrettezza tad-*data* fi u bejn il-ġabriet differenti ta' *data*.

6. ISEM IL-FAJL TAL-ĠABRA TA' DATA

Għandha tintuża l-konvenzjoni li ġejja ta' l-għoti ta' ismijiet:

"**RAIL_annex_frequency_CC_YYYY_period[_OptionalField].format**" fejn:

| FERROVIJI | Għad-*data* tal-FERROVIJI |
|---|---|
| Anness | Identifikazzjoni tal-ġabra tad-*data* (jiġifieri l-Anness tar-Regolament):<br>A: Statistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija — rapport fid-dettall<br>B: Statistika annwali dwar it-trasport tal-merkanzija — rapport issemplifikat<br>C: Statistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri — rapport fid-dettall<br>D: Statistika annwali dwar it-trasport tal-passiġġieri — rapport issemplifikat<br>E: Statistika ta' kull tliet xhur dwar it-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri<br>F: Statistika reġjonali dwar it-trasport tal-merkanzija u l-passiġġieri<br>G: Statistika dwar il-flussi tat-traffiku fuq in-netwerk tal-ferrovija<br>H: Statistika dwar inċidenti<br>I: Lista ta' impriżi tal-Ferrovija |
| Frekwenza | A għal Annwali<br>Q għal Trimestru<br>5 għal kull ħames snin |
| CC | Il-pajjiż rapportatur: uża ISO3166-alpha 2 għajr UK għar-Renju Unit |
| YYYY | Sena ta' referenza (eż. 2004) |
| Perjodu | "0000" għal Annwali<br>"0001" għall-ewwel kwart<br>"0002" għat-tieni kwart<br>"0003" għat-tielet kwart<br>"0004" għar-raba' kwart<br>"0005" għall-kwinkwennjali (kull ħames snin) |
| [_Qasam Fakoltattiv] | Jista' jkun fih kwalunkwe katina minn 1 sa 220 karattru (minn "A" sa "Z", "0" sa "9" jew "_" biss huma permessi). Dan il-qasam mhuwiex interpretat mill-għodod ta' l-Eurostat. |
| format | Format tal-fajl: (eż. "CSV" għal Valur Separat b'Virgola, "GES" għal GESMES) |

Fajl wieħed irid jintbagħat għal kull anness tar-Regolament u l-perjodu.

*Eżempju:*

Il-fajl "RAIL_E_Q_FR_2004_0002.csv" huwa l-fajl tad-*data* li fih id-*data* minn Franza għall-anness E tar-Regolament, li jkopri t-tieni kwart tas-sena 2004.

7. METODU TA' TRAŻMISSJONI

Id-*data* għandha tiġi trażmessa jew imtella' permezz ta' strument elettroniku għall-punt ta' aċċess uniku għad-*data* fl-Eurostat. Dan il-metodu jiżgura t-trażmissjoni sikura ta' *data* konfidenzjali.